**3 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Joseph D. Camilleri, LL.D**
**Onor Joseph A. Filletti, B.A., LL.D., A.R. Hist. S.**

Godfrey Aquilina bħala mandatarju tas-soċjetà estera: Commonwealth Educational Society, ta' Madrid, Spanja.

*versus*

Doreen Mamo

## Kapaċità kuntrattwali ta' Mara Miżżewġa Kommunjoni ta' l-Akkwisti

*Mhux kull debitu magħmul minn mara miżżewġa jaqa' fil-kommunjoni ta' l-akkwisti. Djun ta' mara miżżewġa li ma humiex kwalifikati fil-liġi bħala appartenenti għall-kommunjoni ċertament ma jistgħux jiġu kunsidrati bħala djun tal-kommunjoni.*

*Sabiex djun il-mara miżżewġa jiġu kwalifakati fil-liġi bħala appartenenti għall-kommunjoni jeħtieġ li jkun djun li saru għall-ħtiġijiet tal-familja.*

Il-Qorti: –

L-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat din is-sentenza fit-18 ta' Mejju, 1992:-

"Il-Qorti,

Rat l-atti ta' ċitazzjoni ppreżentata fl-4 ta' Lulju, 1991, li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta li l-konvenuta kienet ordnat u xtrat mingħand l-attur nomine diversi kotba, kif elenkati fl-iskrittura datata 25 ta' Ġunju, 1990, u dana bil-press komplessiv ta' mitejn u tmenin lira maltin (LM280.00), liema prezz kellu jiġi mħallas mill-konvenuta permezz ta' pagamenti rateali mensili bir-rata ta' erbatax il-lira Maltija (LM14.00) kull wieħed, u dana b'effett mill-25 ta' Awissu, 1990, kif jirriżulta mill-imsemmija skrittura; illi, meta l-attur nomine wasal sabiex jikkonsenja l-istess kotba lill-konvenuta, l-istess konvenuta rrifjutat li taċċettahom u dana mingħajr l-ebda valida raġuni legali, u bi ksur tal-obbligi tagħha kuntrattwali; li l-konvenuta, nonstante wkoll illi kienet ġiet debitament interpellat mill-attur nomine sabiex tibda taffettwa l-pagamenti kif fuq premess, naqset

għall kollox milli tadempixxi dana l-obbligu tagħha rigwardanti l-ħlas permezz tal-pagamenti rateali mensili, u b'hekk ġiet li kisret kondizzjoni oħra tal-imsemmija skrittura; illi, ai termini tal-imsemmija skrittura l-attur nomine għandu d-dritt, f'każ ta' inadempjenza da parti tal-konvenuta ta' xi waħda mill-kondizzjonijiet tal-bejgħ kif kontenuti fl-iskrittura, li jitlob u jesiġi l-ħlas tal-bilanċ inier u li jkun għandu lilu dovut mill-konvenuta, kif qiegħed jagħżel li jagħmel permezz ta' l-istanti; talab :-

1. Li jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvenuta ddekadiet mill-benefiċċju tal-mod u tat-terminu kif lilha konċess mill-attur nomine senjatament minħabba l-inadempjenza da parti tagħha rigwardanti l-kondizzjonijiet tal-konsenja tal-kotba kif ukoll tal-ħlas tal-prezz indikat fl-istess skrittura, kellhom jibdew ta' pagamenti ratejali mensili li, *ai termini* ta' l-imsemmija skrittura, kellhom jibdew jiġu minnu effettwati lill-attur nomine effett mill-25 ta' Awissu, 1990, bir-rata ta' erbatax-il lira maltija (LM14) kull wieħed, u, konsegwentement,

2. Tiġi kundannata minn din il-qorti sabiex tħallas lill-attur nomine s-somma ta' mitejn u tmenin lira malitn (Lm280) prezz ta' divdrsi kotba lilha mibjugħa mill-istess attur nomine skond l-iskrittura tal-25 ta' Ġunju, 1990; bl-imgħaxijiet legali sal-ħlas efettiv;

Bl-ispejjeż komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-1 ta' Lulju, 1991, kif ukoll dawk taċ-ċedola ta' depożitu ppreżentata kontestwalment kontra l-konvenuta li hija inġunta sabiex tidher għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' *eċċezzjonijiet* tal-konvenuta ppreżentata fir-3 ta' Settembru, 1991, li permezz tagħha eċċepiet:-

1. Illi preliminarjament l-eċċipjenti bħala mara miżżewġa mhix il-leġittima kontradittriċi iżda se mai żewġha stante li dan ta' l-aħħar huwa l-kap tal-komunjoni tal-akkwisti u l-jedd li jħarrek jew li jiġi mħarrek imissu lilu u għalhekk hija għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi fil-meritu mingħajr preġudizzju għall-premess, id-domandi attriċi huma, infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex dak-in-nhar stess li ffirmat il-kuntratt, l-eċċipjenti kienet ikkanċellat l-ordni bil-kunsens ta' l-attur, tant li sussegwentement qatt ma ġew konsenjati lilha xi kotba;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:-

Illi din is-sentenza hija limitata għad-deċiżjoni fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta li qed teċċepixxa li hija għandha tiġi libertata mill-osservanza tal-ġudizzju stante li mhix il-leġittima kontradittriċi peress li hija mara miżżewġa;

*Omissis;*

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li l-konvenuta, fil-

mument meta sar in-negozju in kwistjoni, kienet miżżewġa lil Raymond Mamo. Infatti, mill-istess skrittura tal-25 ta' Ġunju, 1990, ippreżentata mill-attur, jirriżulta li dan Raymond Mamo huwa indikat bħala r-raġel ta' l-istess konvenuta;

Illi qed jiġi sottomess mill-attur nomine li bl-emendi intordotti fil-Kodiċi Ċivili u fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura senjament għar-rigward tal-Artikoli 967 (ġia Artikolu 1008) tal-Kodiċi Ċivili u l-Artikolu 781 (ġia l-artikolu 782) tal-Kap. 12, il-posizzjoni tal-mara miżżewġa tbidlet f'ġudizzju anke għar-rigward ta' proċeduri li jirrigwardaw effetti appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti;

Illi huwa minnu li in forza ta' l-att fluq imsemmi, fejn qabel kien jeżisti divjet assolut għal mara miżżewġa li tikkuntratta jew toqgħod f'ġudizzju, illum, in forza ta' l-istess emendi, dan id-divjet ma jeżistix. Mara miżżewġa għalhekk illum tista' tikkuntratta u anke tistitwixxi jew tiddifendi proċedura;

Dan ma jfissirx però li mara miżżewġa għandha d-dritt li tissosstitwixxi lil żewġha b'mod l-aktar assolut f'dawk l-affarijiet li l-liġi espressament tirriserva lir-raġel fiż-żwieġ;

**Infatti, l-artikolu 1318 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid espressament li "l-amministrazzjoni ta' l-akkwist u l-jedd li jħarkek jew li jiġi mħarrek dwar dawk l-akkwisti jmissu lir-raġel".** Irid jiġi osservat ukoll li l-istess att XLVI ta' l-1973 enfasizza dan id-dritt tar-raġel fl-emenda ta' l-artikolu fuq ċitat. L-artikolu 1362 tal-Kap. 16, li llum iġib in-numru 1318, qabel ma ġie emendat in forza ta' l-istess att, kien jgħid biss li:- "L-amministrazzjoni ta' l-akkwisti tmiss lir-raġel, illi, quddiem it-

terzi, jista' jagħmel minnhom daqs li kieku kienu tiegħu''. Bl-att fuq imsemmi, il-leġislatur, waqt li ssalvagwarda lill-mara miżżewġa kontra abbużi tal-istess żewġha, ħass il-ħtieġa li jenfasiza d-dritt tar-raġel li jkollu l-jedd li jħarrek u li jiġi mħarrek;

Illi ma hemmx dubbju li l-allegat debitu kuntratt mill-konvenuta in forza ta' l-iskrittura tal-25 ta' Ġunju, 1990 huwa debitu tal-kommunjoni ta' l-akkwisti. Għalhekk, apparti l-validità o meno ta' l-istess obbligazzjoni kkuntrattata mill-konvenuta, l-proċeduri għal ħlas ta' l-ammont dovut kellhom jiġu istitwiti kontra żewġha in forza ta' l-artikolu 1318 tal-Kap. 16;

Għar-raġunijiet fuq imsemmija, l-Qorti fil-waqt li tilqa' l-*eċċezzjoni tal-konvenuta tillebara l-istess konvenuta mill-*osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attur nomine'';

Illi l-attur appella minn din is-sentenza għar-raġunijiet li semma fil-petizzjoni ta' l-appell tiegħu, u talab li din il-Qorti tirrevoka l-isetess sentenza, tiċħad l-eċċezzoni preliminari tal-konvenuta appellata (li hija m'hijiex il-leġittima kontradittirċi ta' l-attur appellanta), u li din il-Qorti tirrimetti l-atti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti għat-trattazzjoni u eventwali deċiżjoni fil-meritu – bl-ispejjeż taż-żwieġ istanzi kontra l-konvenuta;

Il-konvenura wieġbet li s-sentenza appellata kienet ġusta u għar-raġunijiet li semmiet fir-risposta tiegħa, talbet li l-appell jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

Illi huwa paċifiku bejn il-kontendenti illi l-konvenuta kienet diġa miżżewġa lil Raymond Mamo meta sar il-ftehim bejn il-*partijiet kontenut fl-iskrittura tal-25 ta' Ġunju,* 1990. Illi bis-

saħħa ta' dak il-ftehim, il-konvenuta basikament ordnat mingħand l-attur nomine, numru ta' kotba, (li kellhom jiġu konsenjati lilha mhux aktar tard minn 60 jum), ċjoè:

"1. The New Standard Encyclopaedia, complete in twenty magnificently bound volumes in 24 carat gold with entitlement to..............;

2. 1 Volume Cook Book;

3. 5 Volume Child Horizons";

Il-prezz konkordat ta' dawn il-kotba kien ta' Lm280, li kellhom jitħallsu b'rati ta' Lm14 fix-xahar, l-ewwel pagament fil-25 ta' Awissu, 1990;

Illi l-attur qiegħed jallega li l-konvenuta kissret dan l-ftehim u għamel il-kawża sabiex jesegwixxi l-istess ftehim;

Illi l-konvenuta, apparti eċċezzjoni fil-mertu li biha qiegħdha tallega li dan il-ftehim ġie minnha kanċellat bil-kunsens ta' l-attur, bl-ewwel eċċezzjoni tagħha preliminari, ssottomettiet illi hija bħala mara meżżewġa ma hijiex l-leġittima kontradittirċi, iżda se mai, l-kawża kellha ssir fil-konfront ta' żewġha, bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti, billi l-jedd li jħarrek jew li jiġi dehrilha li ma kienx hemm dubju li l-allegat debitu kkuntrattat mill-konvenuta, kien debitu tal-komunjoni ta' l-akkwisti u għalhekk il-kawża kellha ssir kontra żewġha in forza ta' l-artikolu 1318 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16);

Illi l-attur appellant ma jikkontestax il-konklużjoni li, fl-impotesi li dejn in kwistjoni kellu jiġi klassifikat bħala dejn tal-

komunjoni ta' l-akkwist, allura huwa r-raġel tal-konvenuta, li *kellu* jiġi mħarrek;

Illi l-appellant qiegħed preċiżaament jikkontesta l-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti li kklassifikat id-dejn ikuntrattat mill-konvenut bħala dejn li jaqa' fil-komunjoni ta' l-akkwisti. L-appellant qiegħed isostni illi d-dejn in kwistjoni ma jaqgħax fil-komunjoni ta' l-akkwisti u konsegwentament huwa ma kellux iħarrek lil żewġha (li jirrapreżenta din il-komunjoni);

L-appellant jirritjeni illi huwa agixxa korrettement meta ħarrek lill-konvenut u mhux lil żewġha, bħala Kap tal-Komunjoni;

Illi l-appellant qiegħed tirritjeni li l-allegat debitur "huwa ċertamnet debitur tal-kominjomi ta' l-akkwisti, stante li ġie kreat fiż-żmien meta hija kienet diġa żżewġet";

Illi però *fit-tratazzjoni orali, difensur tal-konvenuta* kkonċeda bħala fatt li mhux kull debitu magħmul mill-mara miżżewġa, jaqa' fil-komunjoni. Infatti, l-artikolu 1325 tal-Kodiċi Ċivili *jindika liema kwalita' ta' djun magħmulin mill-mara* miżewġa jidħlu fil-komunjoni. Djun oħra tal-mara miżżewġa li ma humiex kwalifikati fil-liġi bħala appartenenti għall-komunjoni, ċertament, ma jistgħux jiġu konsiderati bħala djun tal-komunjoni. Għalhekk huwa kompitu ta' l-appelant li tindika d-disposizzjoni rilevanti tal-liġi fiha jista' jinkwadra ruħu l-allegat dejn, mertu ta' din il-kawża, bħala dejn tal-komunjoni

Illi l-konvenuta argument li l-oġġett tal-kuntratt kienu "*educational books*" u ktieb tat-tisjir, u li dawn kienu sejrin jinxtraw għall-ħtiġijiet tal-familja skond l-artikolu 1325 (1) tal-

Kodiċi Ċivili. Dan is-subartikolu jelenka bħala dejn tal-komunjoni '*inter alia*':-

Kull dejn li jsir mill-mara għall-ħtiġijiet tal-familja'';

Filli fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, s-sitta u għoxrin volum li ssemmew qabel f'din is-sentenza ma jistgħux jiġu kwalifikati bħala ''ħtiġijiet tal-familja'', billi dawn il-kotba, ċertament, ma jistgħux jitqiesu bħala oġġetti indispensabbli jew almenu neċessarji sabiex familji tkun tista' timxi 'l quddiem u tiffunzjoni fil-ħajja ordinarja tagħha. Dak li hu żgur huwa, li fil-proċess ma hemm l-ebda provi li jistgħu jindikaw li dawn il-kotba kienu, b'xi mod, neċessarji għall-familja partikolari tal-konvenuta. Minn eżami ta' l-iskrittura tal-25 ta' Ġunju, 1990, jirriżulta li r-raġel tal-konvenuta jaħdem għal rasu bħala ħaddied u l-konjugi Mamo, dak iż-żmien, kellhom tlett itfal, l-akbar fosthom ta' ħames snin. Din il-Qorti ċertamnet tapprezza illi hija ħaġa ferm tajba li fid-djar ikun hemm enċiklopedji u l-kotba oħra ta' riferenza biex jintużaw għal riċerka u tkabbir tat-tagħrif mill-membri tal-familja, l-aktar t-tfal. Din il-Qorti tapprezza wkoll li ta' spiss enċiklopediji bħal dawn jinxtraw biex anke jsebbħu d-djar. Huwa propju għalhekk li fl-iskrittura tal-25 ta' Ġunju, 1990, huwa efasiżżat li l-enċiklopedija in kwistjoni tikkonsisti f'għoxrin volum:

'' *magnificently bound..........in 24 carat gold*'',

bl-aħħar kliem stampat b'tipi ħoxnin;

Illi din il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma jidhrilhiex li l-kotba in kwistjoni jistgħu jitqiesu bħala ''ħtiġijiet tal-familja'' għall-finijiet u effetti ta' l-imsemmi artikolu 1325,

u konsegwentament, l-allegat dejn ma huwiex dejn li jaqa' taħt il-komunjoni ta' l-akkwisti;

Illi mhux kontestat li l-konvenuta bħala mara miżżewwġa, għandha l-kapaċità li tikkuntratta mingħajr l-assistenza jew il-kunsens ta' żewgħa. Dan in forza ta' l-emendi introdotti bl-Att XLVI ta' l-1973 li neħħa wkoll l-inkapaċità tal-mara miżżewġa li toqgħod f'kawża bħala attriċi jew bħala konvenuta, mingħajr l-awtoriżżazzjoni jew l-assistenza ta' żewġha;

Illi konsegwentement, una volta li l-allegat dejn tal-konvenuta ma huwiex dejn il-komunjoni, il-konvenuta hija verament il-leġittima kondottriċi f'din il-kawża, billi hija l-konvenuta personalment li għandha twieġeb għad-dejn li hija allegatament ikkuntrattat fil-konfront ta' l-appellant nomine;

Għal dawn il-motivi:-

Tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta appellata – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha, u tibgħat lura l-atti tal-kawża lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.